KLR11/VI/2010

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2010 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiva Miriam Attard.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**1. Mill-Minuti**

1.1 L-attivita' tal-karnival kienet suċċess u l-membri qablu li s-sena d-dieħla jiġi ffurmat kumitat minn naħa tal-Kunsill fejn ikun hemm ko-ordinatment aktar minn kmieni mat-Taqsima tal-Kultura u mal-*Youth Local Council*. Dan il-kumitat ta' l-aħħar hu ffurmat minn żgħażagħ Rabtin li jaħdem b'mod volontarju. Żewġ punti li tqajmu hu li l-Kunsill għandu jikkunsidra li ż-żewġ baned tar-Rabat jieħdu sehem f'din l-attivita'. Punt ieħor hu li t-tindif ta' wara l-*pillow fight* li saret fi Triq Sir M'Anġelo Refalo isir dritt wara li din tispiċċa.

1.2 Il-membri tal-Kunsill qablu li jiltaqgħu mal-membri tal-Youth Coundil meta tinfetaħ il-wirja tar-ritratti tal-karnival fil-Banca . Din ser tinfetaħ nahr il-Ħadd 7 ta' Marzu 2010 fil-11.00.

**2. Banca Giuratale**

Is-Sindku għarraf lill-membri li għall-ħabta ta' Lulju li ġej, il-Kunsill ser ikun jista' juża kamra mis-sular t'isfel tal-Banca fejn preżentament hemm l-uffiċċju tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni. Is-Sindku qal ukoll li jekk il-quddiem il-Kunsill jakwista aktar spazju, l-istaff kollu jkun jista' jopera' mis-sular t'isfel u fuq jintuża għall-laqgħat, l-uffiċċju tas-Sindku u sala għal diversi okkażjonijiet. Il-Perit qed iħejji l-pjanti neċessarji sabiex tkun tista' ssir applikazzjoni għall-permess tal-MEPA. Il-membri qablu mal-proposta.

## 3. Offerta tad-dawl għal-Pjazza San Ġorġ

Tressaq ir-rapport ta' l-Inġiniera tad-dawl Galea Curmi rigward l-offerti mixħuta għall-proġett tad-dawl ta' Pjazza San Ġorġ. Il-Kunsill unanimament qabel li jimxi mal-pariri tekniċi ta' l-inġiniera u ma jaqgħżel ebda' offerta mixħuta peress li l-ebda' waħda ma laħqet ir-rekwiżiti kollha mitluba fl-offerta. Għaldaqstant l-istess offerta ser terġa tinħareġ. Kopja tar-rapport għandha tintbgħat lid-Direttur għal Gvern Lokali, lill-Inġ. Ray Piscopo (MEPA) u lill-offeranti li tefgħu l-offerta. Il-Kunsill ser jinfurmhom ukoll li l-istess offerta ser terġa tinħareġ f'Marzu.

Rigward il-funtana, is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-Inġinier tad-dawl qallu li mhuwiex prattiku li l-funtant proposta toqgħod tinqala' kull sena. Madanakollu s-Sindku għarraf lill-membri li jixtieqa jiltaqa' mal-persuni, residenti u għaqdiet involuti sabiex jieħu l-opinjonijiet varji tagħhom. Il-membri qablu.

## 4. Memos tad-Dipartiment

Is-Segretarja Eżekuttiva resqet il-Memos mibgħuta mid-Dipartiment għal Gvern Lokali. Rigward l-iskemi maħruġa l-membri qalbu li l-Kunsill japplika fuq :-
Memo 11 – ERDF AXIS 2 - Pre-call għal proġetti b'aktar minn €2 miljun fil-qalba tal-lokalitajiet. Il-proġett hu bbażat fuq dak taċ-ċentru storiku tar-Rabat. B'konsulatazzjoni ma Wirt Għawdex ser tinħoloq *urban trail* li fost l-oħrajn tinkorpora heritage trail tas-swar tac-Cittadella u hereitage trail ohra fejn miċ-Ċittadella trusiti u visitaturi oħra jkollhom gwida ċara fejn jistgħu imorru fiċ-ċentru storiku. Fl-applikazzjoni ser jingħataw aktar dettalji fuq il-*visual impact* tal-proġett u jiddaħħal ukoll il-proġett tal-foss taċ-Ċittadella hekk kif propost minn dan il-Kunsill. Dwar Pjazza Indipendenza ser jiġi nkluż *scan* ta'l-art sabiex ikun hemm xhieda tal-fdalijiet storiċi li hemm taħt l-art hekk kif dokumentati mill-arkeoliġista ta' fama internazzjoniali, David Trump. Il-membri qablu li tintalab l-għajnuna ta' Joseph Farruġia li għandu esperjenza f'dawn l-applikazzjonijiet.
Memo 12 – Skema għal għajnuna għal tħawwil ta' siġar. Ser jintalbu siġar għall-*playing field* u għal *area* taċ-Ċawla H.E.
Memo 18 – Skema ta' finanzjament għal Lokalitajiet Sostenibbli
Memo 21 – Skema ta' finanzjamnet għal restawr ta' postijiet storiċi żgħar. Ser tintalab għajnuna għal restawr tan-niċċeċ.
Memo 32/2010 – Skema ta' għajnuna lill-Kunsilli Lokali li tul is-sena jilqgħu fihom attivitajiet fuq skala nazzjonali li jkunu organiżżati esklussivament mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill ser jitlob fondi sabiex isir *lift* fil-latrina li hemm taħt l-art fi Pjazza Indipednenza u sabiex jinbiddlu s-siġar ta' Pjazza Indipendenza.
Memo 33/2010 – Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) 2007-2013.

## 5. Ħruġ ta' offerta għall-servizzi – Tindif ta' Toroq, Ġbir ta' Skart Domestiku, Ġbir ta' Skart Goff u tindif ta' Latrini

Il-membri qablu li jinħarġu l-offerti għal dawn is-sevvizzi peress li l-kuntratti tagħhom għalqu. *Draft* tal-kundizzjonijet speċifiċi ta' dawn l-offerti jinsabu fid-dokumenti annessi. Rigward il-ġbir ta' skart domestiku il-membri qablu li qabel tinħareġ l-offerta din il-materja terġa' tiġi diskussa. Qablu wkoll li jiġi kkunsidrat il-fatt li l-ġbir ta' l-iskart separat jiżdied għal darbtejn

f'ġimgħa (it-Tlieta u l-Ħamis) u l-ġbir ta' l-iskart organiku jsir erba' darbiet f'ġimgħa (it-Tnejn, l-Erbgħa, il-Ġimgħa u s-Sibt). Is-servizz ma jiġix offrut fil-Ħdud u festi pubbliċi.

**6. *Covenant of Mayors* – Patt tas-Sindki**

Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jingħaqad ma lokalitajiet oħra kemm f'Malta u kemm fl-Ewropa sabiex jiffirmaw il-Patt tas-Sindki. Il-membri qablu. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser torganiżża seminar fejn jingħataw dettalji rigward dan il-Patt tas-Sindki.

***7. Performance Bonus***

Il-membri qablu li jingħata l-massimu tal-*performace bonus* lis-Segretarja Eżekuttiva u lill-*Assistant Principal*.

**8. Sotto-kumitat - Sport**

Il-membri qablu li l-Kunsill jikkuntatja lis-Sinjuri Joe Psaila, Frank Muscat u Maria Buttiġieġ sabiex jintalbu jipparteċipaw f'dan is-sotto-kumitat. Ir-rappreżentanti tal-Kunsill huma l-membri Joe Debrincat u Michel Buttiġieġ.

Il-Kunsillier Theuma ġie assenjat ir-responsabbilta' mis-sotto-kumitat għall-ambjent.

**9. Sotto-kumitat – Azzjoni Soċjali**

Il-membri qablu li l-Kunsill jikkuntatja lill-Rosalie Sciluna sabiex tintalab tifforma parti minn dan is-sotto-kumitat.

**10. Sotto-kumiat – Għaqdiet Rabtin**

Is-Sindku suġġerixxa li jiġi ffurmat sotto-kumitat fi ħdan il-Kunsill li jkollu rappreżentanti mill-għaqdiet tar-Rabat. Il-membri qablu li l-każini tal-baned, l-Oratroju Don Bosco u t-tlett klabbs tal-futbol ikollhom rapreżentanza f'dan il-kumitat. L-għan hu li jiżdied l-involviment ta' dawn l-għaqdiet fil-lokalita'.

**11. Permessi tal-*kiosks* fil-festi ta' San Ġorġ u Santa Marija**

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li qed jitressqu diversi lmenti minn residenti rigward l-inkonvenjent, bħal ħmieġ u storbju sa kmieni filgħodu, ikkaġunati mill-*kiosks* li jkun hemm armati waqt iż-żewġ festi titulari. Il-membri unanimament qablu li l-*kiosks* kollha li jbiegħu l-ikel jintramaw fil-*bus terminus* u għal ebda' raġuni ħadd ma jista' jarma ħlief mill-post indikat mill-Kunsill. Għal dan il-għan ser jintalab il-permess ta' l-ADT sabiex tkun tista' tintuża l-parti t'isfel tal-*bus terminus*. Il-Kunsill imbagħad jgħamel l-avviżi rikjesti skond il-liġi sabiex il-pubbliku jkun infurmat bil-bdil tal-postijiet. Il-*kiosks* li jbiegħu il-ġugarelli għandhom jintramaw fi Triq taħt Putrijal taħt is-siġar n-naħħa tal-*bus terminus*, fejn qabel kienu jintramaw il-*kiosks* li jbiegħu l-ikel. Dawn ser jiġu spostjati wkoll peress li residenti ta' Triq Repubblika wkoll

ilmentaw li dawn il-*kiosks* jarmaw f'tali mod li ma jkunux jistgħu jaraw it-tirq mill-parapett tad-djar tagħhom. Il-*kiosks* li jintramaw fi Pjazza Indipendneza mhux ser jintmessu.

## 12. Skemi ta' enerġija alternattiva

Is-Sindku suġġerixxa li tinħareġ *expression of interest* minn naħa tal-Kunsill sabiex tiġi promossa skema ta' enerġija alternattiva. Hekk il-Kunsill ikun jista' jħajjar residenti jinvestu f'enerġija alternattiva u li jkunu jistgħu igawdu wkoll mis-sussidju li bħalissa qed jiġi offrut mill-Gvern.

## 13. Korrispondenza

Is-Seg. Eżekuttiva resqet korrispondenza mingħand:-
13.1 l-ADT dwar il-ħruġ ta' permessi fuq:-
13.1.1 *pelican crossing* fi Triq Kapuċċini qrib Triq Patri Ġiaċintu Camenżuli;
13.1.2 *round-topped road humps* fit-triq ta' magenb il-*playing field* fi Triq taħt Putirjal;
13.1.3 *cycle rack* fi Pjazza San Gorg;
13.1.4 *stop sign* fi Triq Ġuze Micallef kantuneira ma Triq Patri Anotn Debono;
13.1.5 tneħħija tas-sinjali ta' Triq Mons. Luiġi Vella;
13.1.6 *one way* fi Triq San Ġwann Bosco;
13.1.7 *double yellow line* fi Triq Palma minn 'Xelina' sad-dar 89;

13.1.8 ntalab permess għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' Salvu Fenech, 'Qalb ta' Ġesu'', 32, Triq San Duminku u,
*13.1.9* ntalab permess għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' Teresa Grech ta' 73, Tirq Vajrinġa;

Ma nħargux peremssi għall-
13.1.10 parkegg riservat għall-persuni b'diżabbilita' ta' Salvu Fenech 'Qalb ta' Ġesu', 32, Triq San Duminku;
13.1.11 parkegg riservat għall-persuni b'diżabbilita' ta' Emanuel Mercieca ta' 42, Triq Repubblika;

13.1.12 fuq it-talba għas-servizz ta' *mini-train* l-ADT infurmat lill-Kunsill li qed tikkunsidra l-proposta peress li qed jinħoloq qafas regolatorju għal dan it-tip ta' servizz peress li qed ikollhom diversi talbiet simili;

13.2 Noel Formosa mill-Ministeru għal Għawdex fejn intalbu dettalji rigward dawl għall-pjazzez peress li ser jiġi offrut dawl b'xejn li jixgħel b'enerġija alternattiva. Il-membri qablu li jiġi suġġerit li jinxtgħlu dawn il-pjazzez:- Indipendenza, Sant' Wistin, San Franġisk, Savina u Katidral;

13.3 Stefan Scotto mid-Diaprtiment ta'l-Artijiet fejn talab il-veduti tal-Kunsill rigward ħruġ ta' permess għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet quddiem il-ħanut 'Grapes' fi Pjazza San Ġorġ. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni peress li l-pjanta mgħoddija mid-Dipartiment ta' l-Artijiet għal imwejjed u s-siġġijiet hi skond l-*area* approvata mill-MEPA;

13.4 il-Gozo Jesus Centre fejn talbu permess sabiex jorganiżżaw *Gospel Week* fi Pjazza Indipendenza. Il-membri ma sabux oġġezzjoni dment li jinġab il-permess tal-Kurja u l-post fejn jarmaw ma jaffetwax il-ħajja kummerċjali ta' kuljum;

13.5 il-General Soft Drinks fejn bagħatu l-isponsor tagħhom ta' €2000.10 għall-attivita' ta' l-lejliet l-ewwel tas-sena;

13.6 il-Victoria Scout Group fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li rebħu l-ewwel titlu bħala *The Presidents's Group* għall-2010. Il-Kunsill ser jifraħ lil dan il-grupp Rabti talli rebaħ dan it-titlu. Is-Sindku suġġerixxa wkoll li dan il-grupp jingħata Ġieħ ir-Rabat f'Jum il-Belt Victoria. Il-membri qablu;

13.7 il-Koperattiva Ndafa Pubblika fejn resqu l-ilmenti fuq il-multi li l-Kunsill għamel meta naqqsu fis-servizz offrut mill-ħaddiema tal-koperattiva;

13.8 il-MEPA dwar:-
13.8.1 *PC application* 5/10 fuq *alignment* fi Triq Muniċipju Ruman. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;
13.8.2 *PC application* 68/09 fuq żvilupp fid-dar 'Maria' fi Triq l-Ewropa. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

13.9 Jeffrey Muscat mill-Ministeru għal Għawdex fejn propona li l-Kunsill jgħamel dawl ġdid għas-swar taċ-Ċittadella. Dan fid-dawl tal-fatt li l-Ministeru għal Għawdex qed jaħdem fuq ir-restawr tas-swar. Il-membri jaqblu mal-proposta, pero' billi l-Kunsill m'għandux fondi biżżejjed ser iffittex alternattivi sabiex jakkwista fondi għal dan il-proġett;

13.11 is-Segretarju għall-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq rigward is-suġġeriment sabiex tisemma Triq l-10 ta' Ġunju 1887. Il-Kumitat issuġġerixxa li t-triq ta' wara The Duke tissema kif qed jissuġġerixxi l-Kunsill. Il-membri qablu li jibgħatu l-veduti tagħhom iktar tard.

## 14. Materji oħra

Il-membri qablu li:-

14.1 jiġi rappurtat lill-MEPA sabiex jinbena ħajt ta' tmin filati quddiem għalqa li tinsab fl-abitat fi Triq Patri Anton Debono;

14.2 tintbgħat ittra lir-residenti ta' Triq it-8 ta' Diċembru fejn jiġu nfurmati li l-Kunsill qed jikkunsidra li din it-triq issir *one way* minn naħa ta' Triq Għajn Qatet. Il-Kunsill ser jilqa' l-veduti tar-residenti. Il-Kunsill jaqbel li wara li jisma' l-veduti tar-residenti jieħu d-deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

14.3 jsir rapport lill-MEPA rigward il-fatt li n-niċċa ta' mad-dar 35 fi Triq Sant' Ursola ntmesset mingħajr permess;

14.4 kif talab is-Sindku ssir talba uffiċċjali sabiex fix-xahar ta' Ġunju ssir żjara fil-lokalita' mill-President ta' Malta, l-Onorevoli Dr. George Abela;

14.5 titkompla l-bankina fi Triq Antonio Mallia. Din f'parti żgħira fejn għad m'hemmx bankina;

14.6 fil-kantunieri ta' fejn hemm bankini wiesgħa, bħall-fl-*area* ta' qrib l-Arkadia jsiru *barriers* li fihom jigu kkunsidrati reklami ta' ħwienet fir-Rabat;

14.7 il-gwardjani lokali jduru għal għarrieda wara l-iskammel sabiex il-Kunsill ikun ċert li mhux jinġabar skart orgnaiku minn stabbilimenti kummerċjali;

14.8 jinħareġ permess għall-*one day event* mill-1 sat-3 ta' Ottubru 2010 fil-Lunzjata għall-Festubru, organiżat mill-Għaqda Mużikali San Girgor;

14.9 jitneħħa mill-kotba printer Lexmark (X1180) peress li m'għadux tajjeb biex jintuża;

14.10 jinxtara spazju fil-*magazine* ta' l-iskola primarja Sir Arturo Mercieca għall-prezz ta' €50;

14.11 l-Kunsill jipparteċipa fil-Festival Gaulitana li jsir f'April;

14.12 l-Kunsill jikkunsidra li jgħamel rampa għall-aċċessibilita' għaz-zuntier tal-knisja tal-patrijiet Kapuċċini. Ser tintalab stima tal-Perit. Jekk din tkun taqbeż l-€2,000, l-Kunsill jikkunsidra jekk jgħamilx dan ix-xoghol.. Għandha tintalab ukoll l-għajnuna tal-Minsiteru għal Għawdex;

14.13 jintalab permess mill-ADT sabiex:-

14.13.1 it-*taxi stand* ta' Pjazza Indipendenza isir sa' l-16.00 u ma tibqax sas-19.00;
14.13.2 issir *un/loading bay* qrib il-knisja ta' San Ġakbu;
14.13.3 isiru *broken white lines* f'nofs it-triq taċ-Ċawla H.E. Dan biex ikunu aktar ta' gwida għas-sewwieqa;
14.13.4 isiru *parking bays* quddiem il-maisonettes ta' Triq it-Tabib Anton Tabone sabiex ir-residenti ma jkollhomx problema joħorġu mid-djar tagħhom;

14.14 jintalab lit-Taqsima tat-Toroq sabiex jinżebgħu l-kaxxi tal-parkeġġ fi Triq Fortuanto Mizzi, l-isfel mill-Arkadia u jiġi suġġerit ukoll sabiex il-parkeġġi tan-naħa tas-*central strip* ta' l-Arkadia jinżebgħu *fish eye* sabiex jidħlu aktar vetturi;

14.14 isir pjanta tal-Perit fejn ikun hemm indikati l-kaxxi għall-parkeġġ għall-Pjazza J.F. Kennedy quddiem l-egħlieqi li mhumiex mibnija. Din imbgħad tintbgħat lill-ADT għall-approvazzjoni;

14.15 titkompla l-bankina fi Triq Sir Paul Boffa fejn il-blokk *flats* ta' Joe Attard.

14.16 Tressaq suġġeriment sabiex Triq Għajn Qatet issir *one way* mill-kanutniera ta' Triq Wistin Camilleri minflok, kif inhi fil-preżent, mill-kantuniera ta' Triq Ġuże' Ellul Mercer. Il-membri ma qablux peress li f'din il-parti ta' Triq Għajn Qatet isiru bosta nċidenti.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn 22 ta' Marzu f' 12:00.

Dr. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Seg. Eżekuttiv